MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Numru. 46/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**

**vs**

**Andrew Formosa**

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat Andrew Formosa ta’ 21 sena iben Joseph u Helen nee’ Zammit mwieled Pieta’ nhar 19 ta’ Lulju 1984 u residenti ‘Id-Dar’ Maroni Street, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0356484(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Nhar il-5 ta’ Dicembru 2005 f’ xi hin filghodu fi Triq it-Trunciera, Qawra, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u cioe’ stereo u CDs minn vettura ta’ ghamla Skoda bin-

numru ta’ registrazzjoni LEW 123, liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin liema serq sar ghad-detriment ta’ Lewis Giorgio mill-Mosta ; (Art 261, 267 u 271 g).

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura ta’ ghamla Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni LEW 123, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta’ Lewis Giorgio mill-Mosta ; (Art 325 1 b)

c) Nhar 21 ta’ Dicembru 2005, f’ xi hin filghodu fi Triq Ghawdex, Qawra, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, u cioe stereo ta’ ghamla Pioneer kif ukoll DVD ta’ ghamla Yamada minn vettura ta’ ghamla Toyota Starlet in-numru ta’ registrazzjoni CIR 191, liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin liema serq sar ghad-detriment ta’ Farrugia Karl minn Had-Dingli ; (Art 261,267 u 271 g)

d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe’ vettura ta’ ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni CIR 191, liema hsara taccedi Lm 50 (hamsin lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta’ Farrugia Karl minn Had-Dingli ; (Art 325 1 b)

e) Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ; (Art 334)

f) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rreda ruhu recediv ai termini ta’ Artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza datata nhar 16 ta’ Awwissu 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Jannar 2006 (esebit a fol. 8

tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2008 ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuza  migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames akkuza stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li t-tieni u r-raba' akkuza kienu mezz ghall-fini tal-ewwel u t-tielet akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames akkuza stante li din inghatat bhal alternattiva ghall-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-

konfronti tal-imputat, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271,325, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta' probation ta' tlett snin Andrew Formosa ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Andrew Formosa kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Andrew Formosa ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali**
**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 9 ta' Jannar, 2009

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)

vs

Andrew Formosa

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 9 ta' Jannar, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Andrew Formosa gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputat inkluz il-htigijet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Andrew Formosa detentur tal-karta tal-identita' numru 0356484(M) ta' 21 sena, iben Joseph u Helen nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Lulju 1984 u joqghod fil-fond 'id-Dar', Maroni Street, Gzira jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett snin Andrew Formosa ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Andrew Formosa kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Andrew Formosa ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Tordna li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------